**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 241/2019 AGV**

**AB (405874M) f' isimha propju u bhala legittima rapprezentant ta' uliedha minuri C u D ahwa B**
**Vs**
**EB (057267M)**
**FB (317868M)**
**Direttur Generali tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB tal- 24 ta' Ottubru 2019 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat illi;**

1. Illi l-attrici kienet izzewwget lil EB fid- 29 ta’ Gunju 1993 (Ara Dok A). Waqt daz-zwieg twieldu C B fis-16 ta’ Novembru 2004, DB fl-1 ta’ April 2006 u dana skont ic-certifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C.

2. Illi ghalkemm ghadhom mizzewwgin, bhalissa r-rikorrenti ghaddejja minn proceduri ta’ firda separazzjoni, mal-istess EB .

3. Illi l-msemmija minuri u cioe’ C u D ahwa B gew registrati fl-att tat-twelid relatati, bhala ulied l-intimat EB pero’, sempliciment bhala r-ragel taz-zwieg ta’ ommhom u mhux il-missier bijologiku taghhom.

4. Illi l-attrici stqarret ripetutament mal-intimat illi nonostante tali dikjarazzjoni fl-atti tat-twelid relatati, il-minuri C u D ahwa B, ma kienux uliedu izda l-intimat l-iehor u cioe’ FB.

5. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni ta’ din il-kawza, il-missier naturali bijologiku tal-minuri imsemmi, huwa l-intimat FB u mhux l-intimat l-iehor EB liema paternita’ qatt ma giet kontestata mill-intimat FB.

6. Illi r-rikorrenti ipprezentat dawn l-atti gudizzjarji biex tigi kkonfermata l-paternita’ tal-intimat F B bhala ulied l-minuri C u D.

7. Illi r-rikorrenti talbet sabiex tkun ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali kif mitlub skont il-Ligi.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-intimati u in vista ta’ dak kollu fuq premess, ighidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1.Tiddikjara illi l-minuri C u D ma humiex il-wild naturali tal-intimat E B izda huma wild naturali tal-intimat FB u tar-rikorrenti.

2. Tordna illi l-att ta-twelid, tal-minuri C u D ahwa B bin-numri 4038/2004 u 1649/2006 rispettivament jigu korretti fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti t-taghrif dwar il-missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom tal-intimat EB u jigi sostitwit ghall-isem u kunjom tal-intimat l-iehor FB.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog l-atti tat-twelid kif korretti tal-minuri imsemmija.

Bl-Ispejjez kollha kontra l-intimati li huma mil-lum ingunti in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datatat 15 ta’ Novembru 2019 fejn gie eccepiet:-**

1.Illi in linja preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega ai termini tal-Kodici Civili, u dan ghaliex t-terminu stabbiliti mill-ligi ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f’liema perjodu l-persuna ikkoncernata tkun tista’ tipprocedi b’kawza ta’ denegata paternita’ ai termini tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant f’ dal-istadju, ghandu jigi ddikjarat jekk l-attrici gietx awtorizzata minn dina l-Qorti,

sabiex tipprocedi b' kawza istanti - u fin-nuqqas ta' dan f' gieh l-ekonomija tal-gudizzjju, l-attrici ghandha tirregola l-posizzjoni taghha immedjatament.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponenti jiddikjara li ma hux edott mill-fatti hekk kif gew dikjarati fir-rikors guramentat.

3. Illi l-esponent jecepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti, trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, C u D B, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra maritali ma' FB u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil intimat EB bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan a termini tal-artikolu 77 B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll telgheb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi adegwatament u konvincentement tghid li l-pussess ta' stat taz-zewg minuri C u DB ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

5. Illi bla hsara ghas-suespost f' kaz li jintlaqghu t-talbiet rikorrenti, l-esponent jistieden lil FB sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji tieghu u cjoe' 1. Numru tal-karta tal-identita' , 2. Ismu u kunjomu, 3. L-eta' tieghu meta twieldu C u DB , 4. Il-post tat-twelid tieghu, 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minuri, 6. Isem u kunjom ta' misseru, 7. Jekk l-missier patern kienx ghadu haj meta twieldet l-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-att tat-twelid tal-minuri.

6. Illi bla pregdizzju ghal premess, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri.

7. Illi subordinatament, u dejjem bla hsara ghas-suespost, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talbiet tal-attrici, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel il-kliem ' EB' senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mil-att tat-twelid tal-minuri CB u DB.

8. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed minn issa tigi ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' EB (57267M) tat- 28 ta' Novembru 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma:-**

1.Illi huwa minnu li l-attrici u hu zzewwgu fil-fatt kienu zzewwgu fil-Knisja ta' San Bastjan Hal-Qormi fid-29 ta' Gunju 1993, li llum ghandhom tifel wiehed biss li jismu GB li twieled fid- 19 ta' Awwissu 1994.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet kien tkisser u huma sseparaw *de facto* izda mhux legalment.

3. Illi wara is-separazzjoni *de facto* hija dahlet f' relazzjoni ma' FB.

4. Illi mir-relazzjoni ma' FB twieldu zewgt itfal, li dejjem kienu maghrufin bhala fatt li huma ulied FB.

5. Illi missier it-tfal C u D B mhux EB u hu fil-fatt qatt ma kien involut bl-ebda mod fil-hajja taghhom.

6. Illi l-intimat l-iehor u cioe' fb, bhala l-missier bijologiku tat-tfal ghandu jissottometti ragun ghat-test tad-DNA sabiex tohrog prova cara li hu l-missier.

7. Illi ma hemm l-ebda possibilita' li t-tfal C u D huma ta' EB stante li l-partijiet kienu isseperaw u qatt ma irrikonciljaw wara s-seperazzjoni *de facto*.

8. Illi EB qed jidher fuq ic-certfikat tat-twelid, tal-minuri unikament ghax il-partijiet ma sseparawx legalment.

9. Illi huwa jaqbel li hu mhux missier it-tfal.

10. Illi d-dettalji tieghu ghandhom jitnehhew mic-certifikat tat-twelid tat-tfal sabiex l-istat ta' fatt jigi rifless fil-ligi ukoll.

11. Illi bir-rispett kollu huwa ma ghandux jigi kkudannat ihallas l-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hi, minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

## FATTI

1. Marisa Cassar ikkonfermat li zammet testijiet fuq FB (ID 371868 M), DB (ID 164906M), CB (403804 M) u FB (ID371868 M).

2. Mit-testijiet li zammet irrizulta li FB huwa l-missier naturali ta' C u DB u dan kif jirrizulta mir-rapport PT 2001325C1 u PT 2001325C2.

## KONSIDERAZZJONIJIET

In vista li l-unika prova hija dik ipprezenta minn Dr. Marisa Cassar u ghalhekk rapprezentanti l-aqwa prova u cioe' t-testijiet tad-DNA, rrizulta li C u DB huwa ulied ta' FB.

In-nuqqas ta' kontestazzjoni jwassal ghal dina l-Onorabbli Qorti biex tilqa' t-talbiet attrici u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikati tat-twelid kif mitluba.

## DECIDE

Ghal dawn il-motivi l-Qorti-
Tilqa' t-talbiet attrici.
Tiddikjara illi l-minuri C u DB ma humiex il-wild naturali tal-intimat EB izda huma wild naturali tal-intimat FB u tar-rikorrenti.

Tordna illi l-att ta-twelid, tal-minuri C u D B bin-numri 4038/2004 u 1649/2006 rispettivament jigu korretti fis-sens illi jigu mnehhija mill-

kolonni rigwardanti t-taghrif dwar il-missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom tal-intimat EB u jigi sostitwit ghall-isem u kunjom tal-intimat l-iehor FB.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog l-atti tat-twelid kif korretti tal-minuri imsemmija.

L-ispejjes ghandhom jinqasmu bejn l-attrici u l-konvenut FB.

**Onor Anthony G. Vella**

**Imhallef** **Deputat Regisratur**